# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-13 TA' LULJU, 2023**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. nru. 692/2018 RGM**

**George Mario Attard**

**v.**

**Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija**

**Il-Qorti;**

*Din hija sentenza dwar talba għall-ħlasijiet ta' servizzi li l-attur jallega li ta bħala lettur tal-MCAST wara li għalaq il-kuntratt ta' xogħol għal żmien fiss peress li jsostni illi bis-saħħa tal-Artikolu 34 (2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta l-impieg tiegħu mal-Kulleġġ dar għal wieħed indefinit.*

**Daħla**.

1. B'rikors oriġinarjament ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali **mill-attur George Mario Attard (l-attur)** kontra **l-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (il-Kulleġġ)**, l-attur talab illi (i) t-Tribunal Industrijali jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu kienet waħda nġusta u li tammonta għal *constructive dismissal;* u (ii) tippronunzja ruħha dwar nuqqas ta' ħlasijiet ta' pagi dovuti lill-attur; u (iii) tagħti l-provvedimenti kollha opportuni inkluż li l-attur jiġi rientigrat f'xogħlu, li jitħallas tas-servizzi kollha prestati minnu u li jiġi likwidat u ordnat ħlas ta' kumpens xieraq.

2. Dawn it-talbiet l-attur ressaqhom wara li ppremetta illi huwa kien impjegat mal-Kulleġġ permezz ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien fiss datat 15 ta' Novembru, 2016 għall-perijodu mit-3 ta' Ottubru, 2016 sat-3 ta' Frar, 2017; illi huwa reġa ġie impjegat permezz ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien fiss ieħor datat 15 ta' Frar, 2017 għall-perijodu mis-6 ta' Frar, 2017 sas-7 ta' Lulju, 2017; illi minkejja t-terminazzjoni tal-kuntratt huwa ġie imqabbad jagħmel xogħol ulterjuri bejn it-8 ta' Lulju, 2017 u l-1 ta' Ottubru, 2017 konsistenti f'aktar minn mitt siegħa xogħol; illi ta' dan ix-xogħol huwa ġie informat illi mhux sejjer jitħallas; illi għas-sena skolastika ta' bejn is-sena 2017 u s-sena 2018, senjatament fit-2 ta' Ottubru, 2017 tnaqqsulu b'mod arbitrarju u diskriminatorju numru ta' siegħat fejn ġie assenjat jagħmel biss xogħol ta' għaxar siegħat fil-ġimgħa; illi fl-aħħar ġimgħa tax-xahar ta' Ottubru, 2017 huwa intalab jiffirma kuntratt ġdid għall-perijodu ta' bejn it-2 ta' Ottubru, 2017 u t-2 ta' Frar, 2018 fejn il-Kulleġġ stipula li dan kellu jkun għal perijodu definittiv kif ukoll li ma kienx ser jitħallas ta' xogħol li jintalab jagħmel minbarra t-tagħlim; illi l-attur ma aċċettax għaliex sostna illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 34 (2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tad-Direttiva numru 12 "Transformation of Definite Positions within the Public Sector into Positions of an

Indefinite Nature", kif ukoll fuq direzzjoni tad-DIER u ta' entitajiet governativi oħrajn, huwa kellu jitħallas tas-servizzi kollha li huwa jippresta; illi fit-tieni semestru tas-sena skolastika 2017 u 2018 il-Kulleġġ naqqas is-siegħat allokati lill-attur b'mod mill-aktar arbitrarju għal sagħtejn fil-ġimgħa biss; tneħħewlu wkoll suġġetti li huwa kien speċjalizżat fihom u ġie assenjat xogħol li għalkemm kien kompetenti fih, ma kienx xogħol ta' speċjalizżazzjoni tiegħu; illi dan sar b'mod arbitrarju u diskriminatorju fejn is-siegħat ġew allokati lill-impjegati anqas kwalifikati minnu li ġew ikkuntrattati wara li ġie kkuntrattat l-attur; illi l-Kulleġġ irrifjuta li jgħaddi l-pagamenti spettanti lill-attur u dan minkejja s-servizz ġie provdut da parti tiegħu, sallum l-attur għadu ma tħallasx tas-servizzi prestati bejn it-8 ta' Lulju, 2017 u t-2 ta' Frar, 2018; illi tul l-impjieg tiegħu l-attur ġie mqabbad jagħmel ħafna aktar xogħol minn dak allokat mingħajr kumpens jew rikonoxximent; illi l-aġir tal-Kullegg konvenut kien intiż sabiex jagħmilha diffiċli għall-esponent sabiex jkompli jippresta s-servizzi tiegħu u konsegwentement jiġi imġiegħel jittermina l-impieg tiegħu hekk kif fil-fatt huwa kien kostrett jagħmel fit-12 ta' Frar, 2018; illi dan ir-rikors qed isir ai termini ta' l-Artikolu 75 tal-Att XXII tat-2002: l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi b'**risposta ppreżentata quddiem it-Tribunal Industrijali il-Kulleġġ** laqa' għat-talbiet tal-attur billi ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:
   - Preliminarjament illi t-talba tal-attur dwar nuqqas ta' ħlasijiet u pagi dovuti lill-attur u li jitħallas tas-servizzi kollha prestati minnu tmur lil hinn mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali;
   - Preliminarjament ukoll illi ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta stante illi fil-perijodu li fih l-attur jallega li rriżenja ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' xogħol bejn il-partijiet;
   - Illi fil-mertu il-Kulleġġ jiddikjara li ma kien hemm ebda tkeċċija inġusta stante li kien l-attur stess li ddeċieda li ma jiffirmax il-

kuntratt ippreżentat lilu mill-Kulleġġ u lanqas ma kien hemm *constructive dismissal*;

- Illi l-fatti rilevanti huma li l-attur kien impjegat mal-Kulleġġ permezz ta' żewġ kuntratti għal żmien definit intitolat 'Definite Casual Part time Contract of Employment';
- Illi l-attur ġie offrut li jiffirma kuntratt għal żmien definit ieħor liema kuntratt huwa rrifjuta li jiffirma u insista li għandu jiffirma kuntratt għal żmien indefinit dwar liema l-Kulleġġ ma qabilx;
- Illi l-Kulleġġ naqqas is-sigħat tal-attur peress li l-attur kien impjegat bħala 'casual part time lecturer' f'liema kuntratt m'hemm l-ebda minimu ta' siegħat stipulati illi l-Kulleġġ kellu jagħti lill-attur;
- Illi għalhekk il-Kulleġġ ma naqqas l-ebda siegħat kif qed jallega l-attur.

4. Illi b'deċiżżjoni tat-28 ta' Ġunju, 2018 it-Tribunal Industrijali laqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Kulleġġ, <u>u b'applikazzjoni tal-artikolu 741 (b) tal-Kap. 12 ittrasferixxa l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili</u>.

5. Il-Qorti, wara li rat li ħadd mill-partijiet ma kkontesta d-deċiżżjoni tat-Tribunal Industrijali li jibgħat l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, għaddiet għas-smiegħ tal-kawża.

6. Rat il-provi mressqa mill-attur.

7. Rat illi wara li l-attur għalaq il-provi tiegħu l-Kulleġġ ippreżenta rikors fejn talab illi l-Qorti titratta biss it-talbiet tal-attur dwar pretensjoni ta' ħlasijiet pretiżi mill-attur dwar servizzi prestati minnu. B'digriet tal-25 ta' Marzu, 2020 l-Qorti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, ċaħdet it-talba tal-Kulleġġ.

8. Rat il-provi mressqa mill-Kulleġġ.

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tad-9 ta' Jannar, 2023 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kulleġġ tat-2 ta' Frar, 2023.

10. Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta' Marzu, 2023.

11. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi u l-Kontestazzjoni tal-Kulleġġ.**

12. L-attur kien ġie ingaġġat bħala lettur part-time mal-Kulleġġ, l-ewwel in forza ta' kuntratt ta' xogħol part-time għal żmien fiss datat 15 ta' Novembru, 2016[1] għall-perijodu mit-3 ta' Ottubru, 2016 sat-3 ta' Frar, 2017. Sussegwentement ġie ingaġġat b'kuntratt simili in forza ta' kuntratt datat 15 ta' Frar 2017[2] għall-perijodu mis-6 ta' Frar, 2017 sas-7 ta' Lulju, 2017.

13. L-attur jallega illi wara li t-tieni kuntratt skada fis-7 ta' Lulju 2017 huwa baqa' jaħdem mal-Kulleġġ sakemm ġie sfurzat jirriżenja fit-12 ta' Frar, 2018. L-attur jgħid illi bil-fatt li huwa baqa' jaħdem mal-Kulleġġ wara s-7 ta' Lulju, 2017 mingħajr ma ġie lilu offert kuntratt ta' xogħol ġdid fi żmien tnax-il ġurnata, huwa ibbenefika mid-dispost tal-**Artikolu 34 (2) tal-Kap. 452** fis-sens illi l-impieg tiegħu dar minn wieħed għal żmien fiss għal wieħed għal żmien indefinit. Jgħid illi ladarba huwa baqa' jitħaddem għal aktar minn tnax-il ġurnata ta' impieg mit-8 ta' Lulju, 2017 "huwa kien ingaġġat a bażi indefinita", segwita minn tkeċċija inġusta fil-forma ta' 'constructive dismissal' minħabba raġunijiet imputabbli lill-Kulleġġ. Jitlob għalhekk li jiġi

[1] Kopja a fol. 5 et. seq.
[2] Kopja a fol. 14 et. seq.

dikjarat li kien sofra minn 'constructive dismissal', li jiġi reintigrat f'xogħlu u li jitħallas tas-servizzi li ta lill-Kulleġġ wara s-7 ta' Lulju, 2017.

14. Il-Kulleġġ min-naħa tiegħu jikkontesta l-allegazzjoni tal-attur li huwa baqa' jiġi ingaġġat wara l-iskadenza tat-tieni kuntratt li seħħet fis-7 ta' Lulju, 2017. Jgħid illi f'Ottubru 2017 l-attur ġie offert kuntratt ta' impieg definit ieħor iżda l-attur irrifjuta li jiffirmah. Jgħid ukoll illi dak li l-attur jallega li kien xogħol li ġie inkarigat li jagħmel wara t-8 ta' Lulju, 2017 ma kienx xogħol ġdid iżda xogħol li l-attur suppost ikkompleta sat-8 ta' Lulju, 2017.

**Provi**.

15. Mill-provi mressqa jirriżulta li l-attur u l-Kulleġġ iffirmaw żewġ kuntratti ta' xogħol it-tnejn intitolati *"Definite Casual Part Time Contract of Employment".* L-ewwel kuntratt huwa datat 15 ta' Novembru 2016[3] u jipprovdi illi l-Kulleġġ kien qed jimpjega lill-attur "on a Casual Part Time basis and according to the terms and conditions stipulated in this Agreement". Fost dawn il-kondizzjonijiet insibu illi l-impieg tal-attur kien ta' *Casual Part Time Lecturer*; illi kellu jaqdi d-doveri li jiġu lilu assenjati mill-Kulleġġ; illi d-doveri, objettivi, funzjonijiet u responsabbiltajiet tal-attur li ghalihom kien responsabbli kienu elenkati f'Appendix A anness mal-kuntratt; illi l-attur kien qed jiġi ingaġġat għas-sena skolastika 2016 - 2017 bin-numru ta' siegħat massimu kellu jkun ta' 408 siegħa għall-ewwel semestru.

[3] Dok GMA1 a fol. 5 et. seq.

16. Dwar il-perijodu tal-kuntratt jingħad fi klawsola numru 10 illi l-kuntratt kien għal żmien definit li kellu jibda fit-3 ta' Ottubru, 2016 u jispiċċa fit-3 ta' Frar, 2017.

17. It-tieni kuntratt iffirmat bejn il-partijiet huwa datat 15 ta' Frar, 2017[4]. Huwa identiku għal dak preċedenti ħlief naturalment dwar il-perijodu tal-kuntratt ta' xogħol definit li huwa deskritt bħala mis-6 ta' Frar 2017 sas-7 ta' Lulju 2017.

18. Isegwi illi jekk tgħodd flimkien il-perijodi taż-żewġ kuntratti insibu perijodu mit-3 ta' Ottubru, 2016 sas-7 ta' Lulju, 2017, perijodu ta' ftit aktar minn disa' xhur.

19. Fiż-żewġ kuntratti jingħad fi klawsola 11 illi "Since , for the purpose of SL 452.81 entitled Contract of Services for a Fixed Term Regulations 2007 there is an objective reason why an incumbent in this position should not attain indefinite status if employed in excess of the legal limit stipulated in these Regulations."

20. L-attur jgħid illi għalkemm it-tieni kuntratt ġie fi tmiemu fis-7 ta' Lulju 2017 huwa baqa' jippresta s-servizzi tiegħu sad-29 ta' Marzu, 2018. Jispjega illi wara s-7 ta' Lulju, 2017 huwa kellu jikkoreġi l-karti tal-eżami kif ukoll jipprepara l-assignments matul is-sajf.

21. Il-Kulleġġ jgħid illi kien lest li jerġa jingaġġa lill-attur taħt kuntratt ta' xogħol part-time definit tant li għaddilu l-abbozz tal-kuntratt pero' l-attur irrifjuta li jiffirmah peress li beda jikkontendi li kellu dritt għall-kuntratt għal żmien indefinit.

22. Jirriżulta mill-atti illi fiż-żmien rilevanti l-attur kien qed jirrifjuta li jiffirma l-kuntratt ġdid lilu offert peress li kien qed isostni li kellu dritt li jibbeneifika minn Direttiva maħruġa mis-Segretarju Permanenti

[4] Dok GMA2 a fol. 14 et. seq

Prinċipali fis-sens li l-kuntratti tax-xogħol kollha fis-servizz pubbliku li kienu għal żmien fiss jinqalbu għall-kuntratt indefinit.[5]

23. L-attur jgħid illi l-letturi kollha part-time kienu taħt l-istess kundizzjonijiet bħal tiegħu.

24. Il-Prinċipal tal-Kulleġġ kien għamilha ċara lill-attur illi jekk ma kienx ser jiffirma l-kuntratt ġdid huwa ma kienx ser jiġi ingaġġat mill-ġdid.

25. Dwar it-talba tal-attur sabiex jitħallas ta' servizzi li huwa jallega li ta lill-Kulleġġ sew qabel kif ukoll wara s-7 ta' Lulju, 2017 mingħajr ma tħallas, huwa ippreżenta prospett ta' wieħed u tletin (31) paġna[6]. Rendikont simili din id-darba bil-kulur jinsab eżebit bħala Dok AGM1.[7] Mix-xhieda tal-istess attur irriżulta illi għall-perijodu li issa qed jitlob il-ħlas tiegħu huwa ma ta l-ebda rendikont lill-Kulleġġ qabel ma intavola din il-kawża. Kien proprju waqt din il-kawża li huwa ħejja għall-ewwel darba rendikont tal-pretensjoni tiegħu fir-rigward. Jgħid ukoll illi huwa ma ressaqx din il-pretensjoni qabel lill-Kulleġġ peress li: "Jiena kont naf li skond il-kuntratt jiena ser nithallas x'hin nidhol sa x'hin nohrog minn go klassi nghallem u mhux ukoll il-hin li jiena inkun qieghed l-iskola. Meta jiena iffirmajt it-tieni kuntratt li jisab ezebit a fol 14 tal-process nghid li jien kelli diga ir-risposta li spjegajt ftit aktar qabel dwar xi hlas kien lili dovut a bazi tal-kuntratt. Nispjega li jiena fhimt li jiena kelli nithallas mill-hin minn x'hin nidhol fil-klassi sa x'hin nohrog anke mill-formoli li kont qed nigi mitlub nimla kull darba li nattendi fi klassi dwar hinjiet ohra, sew fl-iskola sew bnadi ohra hadd ma kien qed jitlobni u lanqas ma jien kont qed nipprovdi xi formoli fir-rigward ta' xi sighat ta' xoghol li jiena illum qed nippretendi l-hlas tieghu. Għalkemm jiena kelli dawn il-pretensjonijiet jiena xorta dhalt ghat-tieni kuntratt ghaliex jiena ma dan il-kullegg ghandi rabta

[5] Ara email tal-attur datata 5 ta' Diċembru 2017 a fol. 65
[6] Minn fol. 79 sa fol. 110
[7] Minn fol. 111 sa fol. 121

partikolari ghaliex kien f'dan il-kullegg li jiena hadt parti mill-edukazzjoni tieghi.......”

26. Skond iż-żewġ kuntratti ta' xogħol iffirmati mill-partijiet:

- L-attur kien qed jiġi impjegat bħala Casual Part Time Lecturer fuq bażi “casual part-time għas-sena skolastika 2016 -2017;
- Għall-ewwel semester sa massimu ta' 408 siegħa filwaqt li għat-tieni semeseter sa massimu ta' 300 siegħa;
- Kellu jaqdi d-doveri lilu assenjati;
- Id-doveri tal-attur kienu elenkati f'Appendix A mal-kuntratti fosthom: (i) jippjana u jipprepara l-lezzjonijiet; (ii) jgħallem sew klassijiet ta' matul il-jum kif ukoll klassijiet ta' filgħaxija jew 'open access workshopos'; (iii) jagħmel riċerka u jiżviluppa korsijiet u materjal għat-tagħlim inkluż riżorsi online; (iv) jgħallem sew gruppi kbar kif ukoll gruppi zgħar ta' studenti b'abbiltajiet, etajiet u backgrounds differenti; (v) jagħmel monitoraġġ, jassessja u jagħti l-marki lix-xogħol tal-istudenti; (iv) iżomm rendikont tal-progress tal-istudenti; (v) jipprepara u jissorvelja l-eżamijiet u jassigura li jintlaħqu l-istandards meħtieġa; (vi) meta meħtieġ jagħmilha ta' tutur personali tal-istudenti; (vii) jikkonduċi tutorials mal-istudenti fuq bażi one-to-one; (viii) jippjana għajnuna addizzjonali għall-istudenti; (ix) jikkontribwixxi sabiex issir evalwazzjoni tal-korsijiet rilevanti; (x) jagħraf u jimplimenta l-policies tal-kulleġġ; (xi) jintervista studenti prospettivi u jikkonduċi assesjar dijanjostiku tagħhom; (xii) iżomm koordinament ma' professjonisti u organizzazzjonijiet oħra; (xiii) jorganizza esperjenzi ta' xogħol u jikkonduċi assessjar fuq il-post tax-xogħol; (xiv) xogħol amministrattiv; (xv) dikjarazzjoni li din ma hiex lista eżawrjenti u li l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ

setgħat tbiddel jew iżżid kif u meta meħtieġ skond il-ħtiġijiet tal-Kulleġġ;

- Skond klawsola numru 6 illi "Payment is only effected when the Employee actually commences lecturing in the designated study units."
- Skond klawsola numru 12 il-partijiet ftehmu illi: "It is understood that payment to the Employee will only be effected by the Employer, when hours are incurred which require to be recorded on the official and approved timesheet."
- Imbagħad skond klawsola numru 16: "The Employee is requested to sign hours worked on the official document of MCAST. Failure to do this in a timely manner may result in the Employee not being paid in the following paid period. Should the Employee fail to sign the hours worked MCAST shall not be liable to effect payment."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

27. Dawn ix-xorta ta' kuntratti bħalma huma t-tnejn li ffirma l-attur mal-Kulleġġ huma regolati b'mod ġenerali bl-Att dwar l-Impjieġi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); u b'mod partikolari bir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss - Liġi Sussidjarja 452.81.

28. Il-ftehim li kellu l-attur mal-Kulleġġ kien li jitħallas għan-numru ta' siegħat li huwa jagħti s-servizzi tiegħu fil-binja tal-MCAST. Il-kuntratt jitkellem dwar 'timesheets'. Klawsola 15 tipprovdi illi "Upon presentation of the official timesheets, the Employer shall pay the Employee the following remuneration for his/her services, with effect from the commencement date, that is at the rate of twenty three Euros and twenty nine cents (€23.29) per hour.....It is being

agreed that such rate is inclusive of all pro-rata benefits and entitlments including government bonuses and leave entitlement." Imbagħad klawsola 16 tistipula illi "The Employee is requested to sign hours worked on the official document of MCAST...."

29. Għal raġunijiet li jaf l-attur biss huwa ma ppreżentax u lanqas talab li jiġu ppreżentati kopja tat-*times sheets* li huwa ppreżenta lill-Kulleġġ għall-ħlas. Din il-prova fil-fehma tal-Qorti kienet meħtieġa sabiex it-talba tal-attur dwar ħlasijiet minnu reklamati tkun tista' tiġi evalwata. Huwa xhed illi fuq dawn it-timesheets kien hemm biss spazju sabiex jimtela in-numru ta' siegħat li qatta fil-klassi u mhux fuq il-campus.

30. Tali prova kienet meħtieġa peress illi minn qari tal-kuntratti ma hux speċifikat illi l-ħlas huwa dovut biss għal ħin li l-lettur jagħmel fil-klassi. Imkien fil-kuntratt dan ma jingħad. Anzi kif rajna il-kuntratt jelenka numru konsiderevoli ta' dmirijiet tal-lettur part-time. Lanqas spjega l-attur jekk fuq il-campus tal-MCAST kienx assenjat uffiċju fejn seta' jaqdi parti mid-doveri tiegħu barra l-klassi imma fuq il-campus. Kien ikun aktar floku in sostenn tat-talba tiegħu illi jispjega lill-Qorti jekk kienx hemm doveri fost dawk elenkati fil-kuntratt illi huwa kien qed jaqdi fuq il-campus tal-MCAST u li ma kienx tħallas tagħhom u li ma kienux indikati fuq it-timesheets uffiċjali, jew inkella li kienu indikati fuq it-timesheets u ma tħallasx tagħhom.

31. Dan qed jingħad għaliex klawsola numru 5 tistipula illi "The hours pertaining to public holidays and also any time period that the academic (lecturing) operations of MCAST are not operating in such periods will not be eligible for payment". Jingħad ukoll fil-kuntratt illi "Should the Employee fail to sign the hours worked MCAST shall not be liable to effect payment." (klawsola 16). Klawsola 5 tagħtik x'tifhem illi ir-rata ta' ħlas pattwit ma kenitx applikabbli biss għas-siegħat li l-lettur iqatta fil-klassi jgħallem iżda wkoll għas-siegħat li l-

lettur iqatta fuq il-campus jaqdi d-doveri l-oħra fosthom tutorials, jissorvelja waqt l-eżamijiet, jaġixxi bħala tutur ta' studenti; laqgħat ma' għalliema oħra; intervisti lill-istudenti; ħidma amministrattiva fuq il-campus; u oħrajn. Sabiex jitħallas ta' dawn is-servizzi l-kuntratt jistipula illi l-lettur ried jinkluddi tali sevizzi fuq it-timesheet uffiċjali tal-Kulleġġ. Il-kuntratt jagħmilha ċara illi l-pagamenti kienu dovuti għal meta l-Kulleġġ ikun fis-semester skolastiku u mhux per eżempju meta l-Kulleġġ ikun magħluq għall-ferjat tas-sajf jew vaganzi oħra jew festi pubbliċi. (ara. Klawsola 5).

32. Kif ġia espress supra, l-attur naqas milli jressaq bħala prova dokumentarja t-time sheets li huwa ppreżenta lil MCAST u li tagħhom tħallas. Ma ta l-ebda spjegazzjoni l-attur jekk il-pretensjoni tiegħu għaż-żmien tal-ewwel kuntratt tiżboqx il-massimu ta' 408 siegħa hemm stipulat; u jekk il-pretensjoni tiegħu għaż-żmien tat-tieni kuntratt tiżboqx il-massimu ta' 300 siegħa hemm stipulat. Dan għaliex l-attur qed jitlob ħlasijiet għal servizzi li ingħataw anke waqt li kienu operativi ż-żewġ kuntratti ta' xogħol.

33. Bil-mod kif ressaq il-provi l-attur, il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li tagħmel evalwazzjoni dwar jekk dak minnu pretiż jaqax fil-parametri tal-kuntratti jew le. Għażel l-attur li jippreżenta listi interminabbli ta' dettalji, uħud minnhom mingħajr l-ebda spjegazzjoni, mingħajr l-ebda konsiderazzjoni jew spjegazzjoni jekk dak is-servizz li tiegħu qed jitlob ħlas ġiex mogħti fuq il-campus tal-MCAST u jekk jaqax taħt xi waħda mid-doveri elenkati fil-kuntratt.

34. Li tista' l-Qorti tikkonkludi huwa illi skond il-kuntratti ta' xogħol tal-attur huwa ma kienx intitolat għall-ħlas ta' servizzi li ma jingħatawx fiżikament fuq il-campus tal-MCAST jew li ma jingħatawx waqt is-sena skolastika li fiha żewġ semesters minn Ottubru sa Ġunju bidu ta' Lulju. Lulju u Awissu normalment huma s-summer recess u għalhekk

skond il-kuntratti mertu tal-kawża l-attur ma kellux jedd illi jippreżenta talbiet għall-ħlas għal dak il-perijodu ta’ vaganzi tas-sajf.

35. L-attur ma hux qed jikkontesta l-validita’ tal-kuntratti. Għall-interpretazzjoni tagħhom japplikaw ir-regoli applikabbli għall-kuntratti in ġenerali sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

36. Prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jiġifieri hu li r-rabta kuntrattwali għandha tiġi rispettata, peress li r-rieda tal-kontraenti, kif tirriżulta mill-konvenzjoni, għandha tipprevali u trid tiġi osservata – *pacta sunt servanda*. (ara. **Elnara Shorazova v. Avukat Pio M. Valletta** - Qorti tal-Appell - 31 ta’ Mejju, 2023; **John Zammit v. Michael Zammit Tabone pro et noe** - Qorti tal-Appell - 28 ta’ Frar, 1997).,

37. Applikabbli wkoll prinċipju kardinali daqstant ieħor rilevanti - *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* - fis-sens illi jekk il-ftehim jirriżulta ċar mill-kuntratt, id-drittijiet tal-kontraenti fuq dak il-kuntratt jirriżultaw minn dak li hemm miktub u mhux minn dak li seta’ kien għaddej minn moħħ parti jew oħra li ma jsibx sostenn fil-kitba. Dan il-prinċipju huwa rikonoxxut mill-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi meta l-kliem ta’ konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni (**Art. 1002 Kap. 16**).

38. Huwa biss meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma’ dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, fejn il-Qorti tista’ tqis l-intenzjoni tal-partijiet u mhux il-kitba.[8] Fl-ebda ħin l-attur ma allega li dak li hemm miktub ma jaqbilx mal-ħsieb li kellhom il-partijiet meta ffirmaw iż-żewġ kuntrati. Anzi l-attur xhed mingħajr eżitazzjoni illi huwa jaf li skond il-kuntratti huwa ma kellux jedd jitlob ħlasijiet

[8] Art. 1003, Kap. 16

dwar ħidma tiegħu li ma tinkludiex it-tagħlim ġewwa l-klassi. Jgħid ukoll li kien għalhekk li meta ġie sabiex jiffirma t-tieni kuntratt huwa ffirma xorta waħda allavolja kien jaf li tas-siegħat li huwa jiddedika jipprepara għal-lezjoni ma kienx kumpens dirett għaliex kollox kien inkluż fis-siegħat li huwa jqatta bħala lettur jgħallem fil-klassi. Il-Qorti ma taqbilx illi skond il-kuntratti hemm stipulat illi l-lettur jitħallas biss tas-siegħat li jagħmel fil-klassi. Kif ingħad supra, l-Qorti tqis illi l-attur kellu dritt għall-ħlasijiet tas-servizzi li jagħti fuq il-campus tal-Kulleġġ taħt tlett kondizzjonijiet prinċipali, li ma jeċċedux in-numru ta' siegħat f'semestru kif indikat fil-kuntratt; li s-servizzi jingħataw fuq il-campus tal-Kulleġġ u li s-servizzi jingħataw waqt is-sens skolastika esklużi b'mod speċifiku il-ġimgħat tal-pawsa tas-sajf kif ukoll il-ġranet ta' festi pubbliċi.

39. **Il-Qorti għalhekk issib illi l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest li għandu jedd għall-ħlasijiet addizzjonali għal matul il-pawsa tas-sajf tas-sena 2017.**

40. **Dwar it-talba tal-attur sabiex il-Qorti tiddikjara illi huwa kien intitolat li l-kuntratt ta' xogħol fiss idur għal wieħed indefinit, il-Qorti tgħid mill-ewwel illi l-attur m'għandux raġun.**

41. L-attur isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq il-premessa li kellu dritt li minn kuntratt ta' xogħol bi żmien fiss idur għall-kuntratt ta' xogħol indefinit billi jinvoka l-**Artikolu 34 (2) tal-Kap. 452** li jipprovdi illi kull impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien speċifikat li jagħlaqlu ż-żmien tal-kuntratt u li jinżamm fix-xogħol mill-prinċipal jitqies li jkun inżamm fuq kuntratt għal żmien bla limitu jekk dak l-impjegat ma jingħatax kuntratt ta' servizz ġdid fi żmien tnax-il ġurnata minn meta jkun għalaq il-kuntratt ta' qabel.

42. Jirriżulta illi t-tieni kuntratt ġie fi tmiemu mat-tieni semester tas-sena skolastika tal-Kulleġġ u għalhekk bdiet il-pawsa tas-sajf.

43. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-Kulleġġ ma kienx mistenni li fil-bidu ta' Lulju 2017 jagħti lill-attur kuntratt ġdid għall-perijodu minn Lulju 2017 'il quddiem peress li l-kuntratti tal-attur u tal-part timers l-oħra kienu marbuta mas-semesters tas-sena akkademika u mhux għal matul il-vaganzi tas-sajf. Il-pretensjoni kollha tal-attur msejsa fuq Artikolu 34 (2) tal-Kap 452 hija kompletament infondata peress li sabiex japplika dak l-artikolu riedu jissussistu żewġ ħwejjeġ. L-ewwel illi l-attur ġie ingaġġat mill-ġdid mit-8 ta' Lulju 2017 'il quddiem. Ħaġa li kif rajna ma seħħitx għaliex is-servizz tal-attur kien intrinsikament marbut mas-sena akkademika u mhux mal-pawsa tas-sajf. It-tieni peress illi Il-kuntratt jispeċifika bl-aktar mod ċar meta l-kuntratt jispiċċa u li waqt il-perijodu meta mhux qed isir lecturing, primarjament il-Qorti tifhem waqt il-vaganzi tas-sajf, l-ebda ħlasijiet ma huma dovuti.

44. Dan naturalment marbut maċ-ċirkostanza illi l-attur kien intitolat għall-ħlas tas-servizzi prestati fuq il-campus tal-Kulleġġ u allura jsegwi li jekk il-Kulleġġ huwa magħluq minħabba l-vaganzi u mhux qed isiru lectures, allura l-ebda ħlas ma hu dovut u ma kien hemm l-ebda ingaġġ ġdid tal-attur bejn it-8 ta' Lulju, 2017 u l-bidu ta' Ottubru 2017.

45. **Għalhekk il-Qorti ssib illi Artikolu 34 (2) tal-Kap. 452 ma hux applikabbli għall-fattispecie ta' dan il-każ.** Mod ieħor, it-talba tal-attur sabiex jiġi dikjarat illi wara tnax il-jum mit-8 ta' Lulju 2017 huwa beda jibbenefika minn kuntratt ta' xogħol indefinit hija fil-fehma tal-Qorti infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Is-servizzi li l-attur ta wara t-8 ta' Lulju, 2017 primarjament li jikkoreġi l-karti tal-eżami kien servizz intrinsikament marbut mal-ħidma li kellu jagħmel fit-terminu tal-kuntratt. L-ebda prova ma ġab l-attur dwar meta saru l-eżamijiet

u sa meta kellu sabiex jikkoreġi. Huwa ġeneralment mistenni illi r-riżultati tal-eżamijiet annwali jintbgħatu lill-istudenti fil-bidu ta' Lulju.

46. Meta l-attur ingħata xi lezzjonijiet fis-semester li beda f'Ottubru 2017 dan sar bl-intiża li jiffirma l-kuntratt ta' xogħol ġdid li kien ingħata sabiex jiffirma. Dak li seħħ f'Ottubru, 2017, b'intiża ċara li kien taħt kuntratt ta' xogħol part time ġdid għal żmien definit bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jiġi kkunsidrat illi hija ħidma matul it-12 il ġurnata li bdew mit-8 ta' Lulju, 2017.

47. Rilevanti wkoll email tal-14 ta' Diċembru, 2017 mibgħuta lill-attur mill-Prinċipal tal-MCAST ta' dak iż-żmien fejn jingħad "I have been informed that you have not signed a contract and are undertaking part time work at MCAST without having signed a contract. This is not an acceptable situation so I kindly invite you to sign the contract which has been presented to you and return to our HR Department........."

48. Ma jistax l-attur mill-fatt li f'Ottubru 2017 ingħata leżżjoniijet jislet il-konklużżjoni illi huwa kien baqa' ingaġġat mal-Kulleġġ appena ġie fi tmiemu t-tieni kuntratt f'Lulju 2017. Irriżulta bl-aktar mod inekwivoku illi l-Kulleġġ reġa tah leżżjonijiet b'effett minn Ottubru 2017 bl-intiża ċara li jiffirma kuntratt ieħor ta' xogħol għall-ewwel semester tas-sena skolastika 2017/2018. L-argument tal-attur li kien baqa' jiġi ingaġġat wara s-7 ta' Lulju 2017 peress li kellu jikkoregi l-karti tal-eżami hija pretensjoni li għandha mill-fieragħ. Bejn Lulju 2017 u Ottubru 2017 l-attur ma kienx impjegat mal-Kulleġġ u għalhekk ma jistax jingħad illi seta' jibbenefika mill-Artikolu 34 (2). Bil-fatt li ppreżenta rendikont li fis-sajf huwa minn jeddu, waqt li l-campus kien magħluq u l-lectures weqfien, għamle xogħol ta' preparazzjoni għas-semester li kien jibda f'Ottubru 2017 ma jistax

jitqies li bejn it-8 ta’ Lulju 2017 u l-1 ta’ Ottubru 2017 l-attur kien impjegat mal-Kulleġġ.

49. Raġġunta l-konklużżjoni li l-attur ma kienx jibbenefika mid-dritt li kuntratt definit ta’ xogħol idur għal wieħed indefinit, it-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ta’ ‘constructive dismissal’ ma ssib l-ebda fondament legali.

50. In konklużżjoni l-Qorti tagħmel referenza għall-pretensjoni tal-attur għal servizzi li huwa ippresta fl-ewwel semester tas-sena akkademika 2017/2018 u cioe’ minn Ottubru 2017 sa Frar 2018. Anke hawn l-attur deherlu illi ma għandux jippreżenta jew jitlob li jiġu ppreżentanti t-time sheets li huwa ippreżenta f’dak il-perijodu. Lanqas li jikwantifika l-ammont minnu pretiż. Għalkemm il-Qorti ma hiex f’posizzjoni li tillikwida l-ammont dovut lill-attur; il-Qorti xorta waħda ser tordna lill-Kulleġġ iħallas dak kollu dovut lill-attur għall-perijodu minn Ottubru 2017 sa Frar 2018.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa’** l-eċċezzjonijiet tal-Kulleġġ safejn kompatibbli ma’ dak hawn deċiż;

2. **Tiċħad** it-talbiet tal-attur.

3. **Tordna** lill-Kulleġġ iħallas lill-attur għan-numru ta’ siegħat li l-attur ħadem fuq il-campus tal-Kulleġġ bejn Ottubru 2017 u Frar 2018 bl-istess rata li letturi part time oħra tħallsu fl-istess semester.

Dwar il-**kap tal-ispejjeż,** tenut kont li din hija kawża li kellha l-bidu tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali, u tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

13 ta' Lulju, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**